MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2002

Numru 21/2001

Il-Pulizija(Spettur Carlo Ellul)
vsStephen Nappa

Il-Qorti,Rat l-akkuzi kontra Stephen Nappa ta’ 19 il-sena, iben Joseph u Eva nee’ Cuschieri mwieled Pieta’ fl-1 ta’ Dicembru 1980 u joqghod 140, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta u detentur ta’ karta’ ta’ identita’ bin-numru 554480(M) talli fl-24 ta’ Settembru 2002 ghal-habta tal-11.30 hrs f’G”Mangia ikkometta serq ta’ telefon cellulari tal-marka “Ericcson” stmat li jiswa LM75 liema sett cellulari kien qieghed gol-vettura li kienet ipparkjata, bin-numru tar-registrazzjoni RMF 003 propjeta tal-kumpanija RMF liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, wara li rat l-Artikolu 261(g), 271(g), 281 tal-Kap 9 u rat il-fedina penali tal-imputat tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilittajiet tieghu naxxenti minn din l-iskrittura.

--------------------------------TMIEM--------------------------------